Imqaddsa fejn jien qiegħed, qabel ma d-dlam isorr kollox fl-istar iswed tiegħu, indawwar ħarsti lejn Ġebel iż-Żejtun. Hemm fil-quċċata, taqta' fuq is-sema, nilmaħ id-dehra tal-kampnâr twil, tiela' minn qalb is-siġar suwed, f'dak l-aħħar dawl jitriegħed, ta' fil-għaxija. "Hemm fuq," naħseb, "hemm ruħ imnikkta, titlob 'l Alla." Nistħajjilni nisma' kemm-kemm leħen ir-Raħba tal-kuruna t-twila, titlob u tgħid: "Mulejja, aħfer lil Kbar tal-Kremlin, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu. Ja Marija, la titlaqx il-Poplu Russu, mogħti lilek! Ma għadekx tiftakar fil-qatet tal-ward, u x-xama', quddiem ix-xbiehat imbierka tiegħek? Ma tiftakarx fil-Belt Qaddisa ta' Moskovja, bis-sitt mitt knisja tagħha mimlija bin-nies, kollha b'idejhom merfugħa, jitolbu quddiem ix-xbiehat tiegħek?"

Iwa! Marija għadha tiftakar kollox! Jekk aħna nagħmlu t-tewba u nitolbu, u ngħixu sewwa kif ried Binha Ġesù, ir-Russja targa' għal ħajjitha Nisranija . . . u jkun hawn is-Sliem . . .!

Patri NAZJU GELOSSOJAN,
O.F.M.

# IL-GHARUSA TAN-NIL

Dik li jgħidu li l-Eġittu huwa iben in-Nil, minnu. Għax tas-sewwa, pajjiż il-Fargħuni kien ikun moxa u xôri, bla ħaxîx u bla siġar, bħall-artijiet ta' ma' dwaru, li ma kienx in-Nil li jsaqqih u jgħall'lu b'ilmijietu. Imma n-Nil iġîb il-barka: ilma bil-kotra, u ħama għallieli, fix-xhûr sħân ta' Ġunju u Awissu. Ħares jinżel fil-widjien, li jinfdu kollha man-Nil fil-mixja twila tiegħu, u hekk jiżdied u jitqawwa. U jibqa' sejjer lejn l-Eġittu b'dik is-saħħa kollha.

In-nies il-qodma tal-Eġittu, ma kienux jafu, dan il-għaġeb, li kien jittenna kull sena quddiem għajnejhom, dejjem fi żmien wieħed, kif isir. Nies mogħtijin għad-djiena, kif kienu



*L-aqwa żewġ għeliemiet tal-Eġittu, li bihom hu l-aktar magħruf: ix-xmara Nil u l-Piramdi. Ix-xmara xogħol Alla, il-Piramdi xogħol in-nies.*

Għax fix-xhur li semmejna, in-Nil ifid xtûtu, jiġifieri joħroġ barra mill-wied tiegħu, u jfawwar u jsaqqi l-Eġittu. Dan it-tifwîr jiġi għax f'nofs l-Afrika dak iż-żmien tagħmel ix-xita l-kbira tas-sajf. L-ilma jiġri, dawka, kienu jaħsbu li kien hemm xi Hares moħbi fl-ilma tan-Nil; għalhekk kienu jibżgħu minnu; u jqisuh, u jagħtuh qima bħal alla. U sabulu wkoll isem: għax tawh l-isem ta' Hâpi.

Ix-xgoħol ta' alla Hâpi kien li linnies tal-Eġittu jagħtihom il-ħajja, u jbiegħed minnhom il-mard, u jimlielhom imħażinhom bil-qamħ. Jiġifieri, jagħtihom ulied, u saħħa, u ikel, bilkotra; dak kollu li jeħtieġu biex jgħixu ħajja fil-mistrieħ u s-sliema. L-Eġizzjani dehrilhom li jafu wkoll fejn kien jgħammar Hâpi: ġewwa għar kbir u egħmîq, minn fejn in-Nil joħroġ jagħrar biex jagħni l-pajjiż bl-ilma tiegħu għallieli. Il-ħjiel baqa' saħansitra biex ġiegħlhom ixebbħu lil dan alla Hâpi ma' raġel xiħ billeħja twila, taqsim wiċċu sabiħ, wieqaf-wieqaf u ta' saħħa. Lil dan kienu jidbhulu dbejjah li bihom kienu jridu juruh kemm jafuhulu l-ġid li jagħmel magħhom.

U kienu jibżgħu minnu b'biża' mqaddes, u kienu jemmnu li kien jaqbel li jiżżuh ħajr billi jagħmlulu għejjeda b'għotjiet ta' ferħ u daqq u għana. Meta kien joqrob uqûf ixxemx is-sajfi, fil-21 ta' Ġunju, meta l-ilma tan-Nil jasal fis-Silsla millbelliegħat ta' Siene, il-qassisin ta' Fergħun kienu jidbhu gendus u għadd kbir ta' wiżż. Imbagħad kienu jixħtu fl-ilma ktieb tal-bordi, imgerbeb u maħtûm, li fih ikun hemm miktub kliem ta' tiżżija ta' ħajr; u ta' wegħdi, li bħal ma Hâpi tagħom il-barka, hekk huma jagħtu lilu l-ġiħ u l-qima li jixraqlu, bħala dak li jieħu ħsieb is-saħħa u l-hena tagħhom.

Għal dan il-għid kienu jiġu nies mill-artijiet l-aktar imbegħda, u għal għadd ta' jiem kienu jagħtu ruħhom għal ferħ bla qjies u tbaħrid bla rażan; u għal ikel u xorb kemm tifllaħ iżżomm żaqqhom. Għal tifħir lil Hâpi u twegħid li jibqgħu jaqduh ħajjithom kollha.

Fil-jum imgħajjen, il-qassisin, lebsin l-abjad, kienu joħorġu mill-maqdes refgħin fuq kitfejhom l-istatwa ta' dak alla, imseħbin bid-daqq tal-otbla, tal-awtâr u s-sfafar, u minn għana miktub u mitgħallem għal dak inhar. Ix-xebbiet u n-nisa, lebsin bi lbies mill-isbaħ u mill-ogħna, kienu jixħtu fix-xmara f'ġiħ dak alla, imsielet tad-deheb u fosos tal-ġawhar, biex juruh li jridu jħallsuh tal-ilmijiet imbierka li kien jagħtihom, u jkabbrilhom iż-żara.

Fl-aħħar, b'ħafla kbira li tixgħel il-moħħ u tħeġġeġ il-qalb ta' dawk li jarawha, kienu jidbħu tifla ta' xi għaxra jew tnaxer sena, li għaliehom kienet tkun waslet għaż-żwieġ. Lixxbejba kienu jsemmuha l-għarusa tan-Nil u jlibbsuha bi qmis ħamra, bi klîl f'rasha maħdum minn ward ta' fwieħa kbira; imżejna bid-deheb u l-ġawhar, mogħti lilha minn qrabatha u minn bniet sħabha; imma marbuta minn idejha u riġlejha bi sniesel tal-ħadîd.

Wara li jgħattuha bi star abjad lix-xbejba kienu jrikkbuha fuq dgħajsa miżbugħa b'lewnijiet ijgħajtu u tlellex bil-friegħi tal-palm u bilbnâdar. Id-dgħajsa, imsieħba minn dgħajjes oħra mimlija bin-nies, kienu jsuquha, fost id-daqq u l-għana, lejn fejn ix-xmara kienet tinferaq żewġ friegħi. Hemmhekk kull ħadd kien jieqaf u d-daqq u l-għana jiskot. Hemm kienet il-waqgħa tad-debħa, jiġifieri ż-żwieġ tax-xwejjaħ alla tan-Nil mat-tifla ta' għaxra jew tnaxer sena. Fejn jara kull ħadd, lit-tifla kienu jorbtulha ma' għonqa żewġ kitbiet: f'waħda kien ikun hemm miktub il-għotja tagħha minn missierha u ommha, fl-oħra l-ħalla tal-Ħakem biex lit-tifla tingħatalha l-mewt. Il-kitbiet ma kienu jfissru xejn, għax missierha u ommha, la darba tkun

ingħażlet, ma kienux jistgħu jiċħduha; u għal Ħakem, b'tifla iżjed jew anqas, fil-pajjiż, kien kollu xorta waħda. L-aħħar ħaġa kienet iż-żifna tal-qassisin, li kienu jduru tliet dawriet mal-imsejkna, jiżfnu u jgħannu tifħir lil-alla Hâpi, talli taħom l-ilma meħtieġ għal ħajja sielma tagħhom. Malli jtemmu t-tielet dawra, il-qassisin kienu jaqbdu t-tifla u jixħtuha fix-xmara, li mingħajr ma titkellem jew titniehed, kienet tinżel qajl-qajla fil-qiegħ ta' l-ilma, fost il-għajjat ta' ferħ tan-nies li jkunu ma' dwarha. Ħażin kien ikun jekk it-tifla kienet tibki, jew tħalli li toħorġilha minn sdirha xi karba! Għax kienu jaħsbu li n-Nil, jew alla Hâpi, sa jieħu għalih, u s-sena ta' wara ma jagħtihomx ilma, u hekk iwaqqa' fuqhom il-ġugħ u l-għaks u d-dnewwa.

* * *

Imma t-tifkira ta' dik id-drawwa misħuta fl-Eġittu, għada ssir s'issa. U ssir meta l-ilma tax-xmara jilħaq l-ogħla tiegħu fix-xahar t'Awissu. Dan il-għid in-nies ta' hemm jgħidulu issa Wafgħa n-Nil u jmorru jaħdruh għadd kbir ta' nies. Il-għid jagħmluh kif jitlob iż-żmien, imma b'kemm il-tifkira tal-għid ta' dari.

Mirkeb żgħir jitlaq max-xmara Nil, imsieħeb minn mijiet ta' dgħajjes imżejna bil-bnadar u mimlija binnies, sa kemm jasal fejn tinferaq ixxmara qrib il-Kajr. Kif jaslu hemm, jibdew jisparaw il-kanuni, u kif jehdew, fost il-għajjat tan-nies, jixħtu fix-xmara pupa tat-tafal, imlibbsa l-ħarîr, u mżejna bħal għarusa. Hekk dik il-pupa baqgħet tifkira tat-tifla tassew li fil-qedem kienu jixħtu fixxmara, biex jiżżewwiġha alla Hâpi.

Il-palazzi u d-djar tal-qrib, fil-Kajr, ikunu mżejna bi nhar u mdawla bil-lejl; u n-nies jixxalaw u jieklu l-ħelu; l-aktar pupi żgħar taz-zokkor, lebsin ta' għarajjes, għax iħossu fihom li la darba għamlu dik il-ħafla, għal dik is-sena ma jkollhomx għaks, imma ġid u barka u xaba' bis-saħħa tax-xmara Nil, Missier u Ħares ta' l-Eġittu.



*Eġittu — Dgħajjes bil-qlugħ, tal-Eġizzjani, fuq ix-xmara tan-Nil.*

Din id-drawwa waħxija, tal-qtil ta' tifla bħala għarusa tan-Nil, damet sejra għal mijiet u mijiet ta' snin, u ħdiet biss meta nies l-Eġittu saru Nsara, għad li baqgħet ukoll issir xi mkejjen imbegħda. Kien meta ħadu l-Eġittu l-Misilmin, fis-sena 641 li nqatgħet għal kollox. U ried ikun raġel ta' ħeġġa kbira u għaqal tqîl, bħal ma kien Għômar Ibn el-Għas, biex jaqta' drawwa hekk kiefra u qadima.

P. Gawdenz Governanti, O.F.M.